KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 10Ad Hoc_28/10/09 VI

## MINUTI TA' L-GĦAXAR SEDUTA

**I-għaxar seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet l-Erbgħa **28 ta' Ottubru 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku:** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves Bobby Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |
| **Assenti:** | **Cyrus Engerer** |

Is-seduta bdiet fl-4pm ta' fil-għaxija b'din l-agenda:

1. Il-każ ta' Elena Borg Costanzi
2. Tiżjin Dekorattiv tal-Milied
3. Aġġudikazzjoni tat-*tender* dwar booklet ta' RPZ
4. Bankini Ġodda

### 1. Il-każ ta' Elena Borg Costanzi

Is-sindku tkellem dwar il-każ tas-Sinjura Borg Costanzi li kien beda mill-kunsill ta' qabel, dwar il-ħlas li kienet għamlet għall-*iscaffolding* fi Triq Beresford.

*Daħal il-kunsillier M. Debono fl-4.15pm*

*Daħal il-kunsillier P. Pace fl-4.30pm*

Is-sindku N. Dimech ippropona li hu jinterpreta l-liġi differenti mil-kunsill ta' qabel u b'hekk il-kunsill għandu jagħti r-*refund* ta' Ewro 3059.40 fir-rigward tal-ħlas ta' l-*iscaffolding*. L-area ta' madwar 2m² li kienet tibblokka l-bankina se jkopri l-ispejjeż legali tagħha.

Il-kunsillier E. Cuschieri ssekondah. Il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camillieri, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace.

Il-proposta għaddiet b'vot unanimu.

*Il-kunsillier M. Debono talab li jiġi skużat mis-seduta fil-4.45pm*

**2. Tiżjin Dekorattiv tal-Milied**

Is-segretarju eżekuttiv spjega dwar kif il-kunsill diġa beda jaħdem għat-tiżjin tal-Milied. Tqassmet l-ittra lill-ħwienet ta' Tas-Sliema, u s-segretarju eżekuttiv żied jgħid li din is-sena jixtiequ jingħaqdu magħna ta' Triq Manwel Dimech (in-naħa ta' fuq) u (mix-Xatt sa' Triq San Ġużepp). L-ittra li tqassmet tgħid ukoll li jekk ma jingħatawx biżżejjed fondi minn naħa ta' Triq Manwel Dimech, minħabba li hija ferm diffiċli biex wieħed jiġbor dawn il-flus, il-kunsill jirriserva d-dritt li ma jżejjinx quddiemhom. Il-ħlas min-naħa tal-ħwienet permezz ta' cekk ikun pagabbli dirett lil Noel Borg stess, il-persuna li se tieħu ħsieb it-tiżjin. Il-kunsill bħas-soltu jalloka fond ta' mhux aktar minn Euro 4192.87 biex jikkontribbwixxi wkoll għat-tiżjin tal-Milied. Is-segretarju eżekuttiv informa wkoll li se jkun hemm *animation* fit-toroq min-naħa ta' *Leon Promotions*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Is-sindku N. Dimech ippropona li l-kunsill għandu jibgħat ittra lill-kumpaniji tal-*mobiles* fejn jinfurmahom li l-kunsill jagħti permess biex ipoġġu l-*mobile transit* tagħhom u jagħmlu l-offerta tagħhom lill-kunsill u min joffri l-aħjar jingħata l-permess. B'dawn il-fondi nkunu nistgħu nixtru tlett siġar tal-Milied magħmulin mil-metall u li fihom jitqiegħdu ponsettas li eventwalment jitpoġġew fejn l-Għassa ta' tas-Sliema, Ix-Xatt fejn Pjazza Sant'Anna u Triq it-Torri fejn TGI. Is-sindku N. Dimech qal ukoll li qabel ma ssir se jiddikuti din il-proposta mal-Onorevoli Chris Said.

Il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace qablu b'mod unanimu mal-proposta tas-Sindku.

Dwar is-siġar tal-Milied il-kunsill ippreżenta tliet stimi minn JMS Art Metal Craft, David Debono u Reuben's Iron Works (kwotazzjonijiet annessi 'Doc A'). Il-kunsill għażel dik ta' JMS Art Metal Craft minħabba li kienet l-orħos offerta. Is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace qablu b'mod unanimu li jitpoġġew tliet siġar tal-Milied żgur peress li b'erba tinqabeż l-istima skont il-proċedura tal-kwotazzjonijiet. Qablu wkoll li f'każ li l-kunsill isib *sponsor* titpoġġa r-raba waħda.

Il-kunsilliera M. Aquilina għamlet spunt dwar l-attivitajiet tal-kultura. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li s-sotto kumitat tal-kultura hemm bżonn li jaħdem iżjed bħala tim wieħed u fejn hemm bżonn li l-preparamenti jiġu diskussi u ikkordinati minn kulħadd. Dan qalitu

b'referenza għal attivita mtella' mil-kunsill fit-teatru tas-Sależjani.

*Il-kunsillier E. Cuschieri telaq mis-seduta fil-5pm*

**3. Aġġudikazzjoni tat-tender dwar booklet ta' RPZ**

Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta l-offerti li ntefgħu għal din it-tender.

| | |
|---|---|
| Union Print Co. Ltd | Euro 2046 exc 5% vat |
| Richard's Press | Euro 2.99 exc vat per copy |
| Veritas Press | Euro 2575 exc 5% vat |
| Repro House | Euro 2858 inc vat |

Is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace qablu li għandu jingħażel Veritas Press minħabba li huwa wieħed mill-irħas u li l-kunsill diġa għandu esperjenza tax-xogħol tiegħu permezz tal-magazin tal-kunsill.

**4. Bankini Ġodda**

Is-sindku N. Dimech qal li ltaqa mal-*contracts manager* fejn raw li hemm bżonn isiru xi toroq u ppropona li jsiru dawn: Triq San' Elena, Triq il-Kbira (mit-tliet siġriet sa Triq Għar il-Lembi) u Manwel Dimech ma' San Ġwann Battista. Il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace qablu mal-proposta tas-sindku li jsiru dawn it-toroq mil-kuntrattur Polidano Bros permezz tat-*tender.*

*Ġew diskussi affariiet oħra :*

a. Il-kunsillier N. Gauci talab li jsir *double yellow* line flok *single yellow line* fi Triq Falzon.

b. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għall-applikazjoni PA 03899/09 fi Triq it-Torri biex titpoġġa *talking telescope.*

c. Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsill li qiegħed ikollna diversi talbiet mill-iskejjel ta' tas-Sliema għall-għajnuna dwar il-programm Eko Skola fejn il-kunsill jista jgħin permezz ta' Euro 12. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

d. Il-kunsill qabel li għandu jagħti donazzjoni ta' Euro 100 lill-*Hospice Movement* għall-attivita li kien organizza tal-*canoeing.*

e. Is-sindku N. Dimech ippropona li jekk ikun hemm fondi żejda minn dawk li se niġbru għall-Milied dawn għandhom jingħataw lis-sorijiet ta' l-ursulini (Creche). F' każ li ma jkunx hemm il-kunsill joħroġ is-somma ta' Euro 100. Il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace qablu ma dan.

f. Il-kunsillier N. Gauci ippropona li l-kunsill jgħin lill-St Clare's College - Sliema (Skola Primarja) għall-borża ta' San Martin. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Fuq dan il-punt is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-memo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li kienet diġa ntbagħtet lill-kunsilliera permezz ta' email għall-informazzjoni tagħhom, li mill-1 ta' Novembru, 2009 ma jistgħux jingħataw aktar donazzjonijiet.

g. Il-viċi sindku J. Gonzi qalet li hi flimkien mal-kunsilliera M. Aquilina u E. Cuschieri ltaqgħu ma' Dr Fortunata dwar attivita tal-Milied li tista tiġi organizzata. Qalet ukoll li hi kienet ċara li l-kunsill ma jistax joħroġ l-ispejjeż li talbu ta' Euro 4000. Dr Fortunata kellha tibgħatilna aktar informazzjoni dwar x'tinvolvi din l-attivita u jistax jiġi mnaqqas il-prezz.

h. Il-kunsillier J. Galea ippropona li għandu jsir kors għall-*fitness* għall-anzjani fejn bejn wieħed u ieħor ikollna madwar 20 ruħ. Għal dan se jkun involut il-Ministeru għall-Isports. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

Is-seduta ntemmet fil-5.30pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru, 2009 fil-5.30pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**JMS Art Metal Craft** LIMITED
31 – 32 Crafts Village Ta' Qali. RBT 13. MALTA
Mobile No.9947 3737
E – Mail jmsartmt@maltanet.net

27 October 2009

The Mayor
Sliema Local Council
Blanche Str.
Sliema

# Quotation: Christmas trees.

Construction of 3 Christmas tree skeleton metal frames approximately 3.5metres high by 1.8metres diameter at base.

| | | |
|---|---|---|
| | @ €1200.00 each | = €3600.00 |
| Installation | @ €300.00 each | = € 900.00 |

Total cost €4500.00

- VAT at 18% is included in above quoted prices.
- Validity of quotation: 30 days.
- Terms of payment: Negotiable.
- Delivery: Negotiable.

Assuring you of my best attention at all times, I remain,

Yours faithfully

Anthony Spiteri

Director

# Quotation

## Reuben's Iron Works

*Reuben Abela*
Rustika
Triq wied il-Ghajn Zabbar
ZBR06
Mob 99443849
VAT 15181237

Date 7th October 2009

**Bill To:**
Kunsill Lokali Sliema

**For:**
Iron Works

| DESCRIPTION | AMOUNT |
|---|---|
| Providing and installing 4 metal Xmas Tree structures. | |
| SUBTOTAL | €6,478.00 |
| TAX RATE | 18.00% |
| SALES TAX | 1,422.00 |
| OTHER | - |
| TOTAL | €7,900.00 |

THANK YOU FOR YOUR BUSINESS!

**DAVID DEBONO**
**XGHAJRA TAL-BANDARI**
**SAN PAWL IL-BAHAR**

**VAT 1626 6201**

***QUOTE 003***

27TH October 2008

Constructing 4 metal Christmas Trees.

These will be delivered and fixed in place.

Estimated total cost of        € 7100 inclusive of VAT